# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 29**

**Citaz. numru 712/82 NA**

**Paul Gauci u b'digriet tal-24 ta' Jannar 1992 il-gudizzju gie trasfuz fl-ismijiet ta' Alfred, Victor, Tessie armla ta' Joseph Aquilina u Antoinette mart John Grima ahwa Gauci stante il-mewt ta' missierhom l-attur**

**vs**

**Joseph Mugliette**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut b'dan l-att ta' citazzjoni :-

"Il-Qorti,

L-attur ippremetta illi l-konvenut kien accetta jkun mandatarju tieghu, liema mandat gie terminat f'Jannar, 1982.

Nonostante li dan il-mandat gie terminat u nonostante li gie interpellat, il-konvenut naqas li jaghti rendikont u rrifjuta li jirritorna diversi kotba u dokumenti proprjeta' tal-attur. Di piu naqas ukoll biex jasal ghal-likwidazzjoni ta' diversi somom ta' flus li l-attur kien iddeposita mieghu bejn 1974 u 1981.

Huwa talab ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tordnalu biex jaghti kont ta' dak kollu li rcieva u hareg, u ta' dak kollu li ghamel bhala l-mandatarju tal-attur, u tiffissa ghal dan l-iskop zmien qasir u perentorju :

2. Tordnalu biex jirritorna lill-attur kwalunkwe dokumenti, inkluzi kopji ta' income tax returns u kotba tal-kontijiet li jirriferu u jappartjenu lill-attur, tiffissa ghal dan l-iskop zmien qasir u perentorju, u

3. Tillikwida l-ammont li huwa dovut lill-attur mill-flus iddepositati mieghu mill-istess attur ;

4. Tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont likwidat skond it-tielet talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji, tas-16 ta' Frar 1982, u tat-12 ta' April 1982 u tal-ittri ufficjali tal-14 ta' Gunju 1982, u tal-25 ta' Marzu 1982 u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Marzu 1982 data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li kien irrestitwixxa dak kollu li kien jinsab ghandu lill-istess attur u dana kif jigi ppruvat ahjar waqt t-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-istess attur tul il-perjodu li kien ippermetta lill-konvenut jagixxi bhala mandatarju tieghu qatt ma talab lill-istess ghar-rendikonti, u oltre, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-istess konvenut agixxa dejjem fuq istruzzjonijiet specifici moghtija lilu minn zmien ghal zmien mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

**KONTRO-TALBA**

Il-konvenut ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici biex jipprezenta s-segwenti kontro-talba f'dawn it-termini.

""illi Paul Gauci kien innomina lill-konvenut bhala mandatarju tieghu.

Illi f'din il-kapacita' l-konvenut kien ippresta u rrenda lill-istess Paul Gauci is-servigi tieghu u dana tul il-perjodu bejn l-1974 u l-1981.

Illi l-attur l-istess Paul Gauci ghalkemm mitlub, naqas li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ghall-istess servigi.

Ghid ghalhekk, l-imsemmi Paul Gauci, ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tillikwida l-ammont dovut bhala kumpens xieraq ghall-istess servigi okkorendo per opera ta' periti nominandi.

2. Ghaliex l-istess Paul Gauci m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-konvenut Joseph Mugliette l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-attur Paul Gauci mharrek ghas-subizzjoni."

**ECCEZZJONIJIET TAL-ATTUR GHAR-RIKONVENZJONI TAL-KONVENUT**

> "Illi t-talba maghmulha mill-konvenut ghall-hlas ghas-servigi tul il-perjodu 1974 u 1977 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt anke in vista li l-istess talba hija preskritta, u ghaldaqstant ghandha tigi respinta.
>
> Illi l-eccipjent ma jopponix u qatt ma oppona ghat-talbiet maghmula mill-konvenut ghall-hlas ta' servigi ghall-perjodu sussegwenti ghall-1977.
>
> Ghalhekk huwa jipprotesta ruhu ghall-ispejjez tal-kawza a rigward tal-istess kontro-talba.
>
> Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

**DECIDE**

B'sentenza tat-30 ta' Gunju 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza hekk :-

> "Il-Qorti qegha ghalhekk, parzjalment tiddisponi minn din il-kawa billi tikkonferma r-rapport peritali u ghalhekk
>
> Tilqa' l-ewwel talba u tiffissa xahrejn zmien lill-konvenut biex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu ;
>
> Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u dan sakemm tigi ddeterminata l-kontro-talba tal-konvenut u tiddikjara din it-talba intempestiva f'dan l-istadju.
>
> Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' Lm3,800 bl-imghax ta' 6% fuq Lm800 u 5% fuq Lm3000 mill-1992 sal-pagament effettiv ; u
>
> Tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma hekk likwidata fiz-zmien tlett xhur mil-lum.
>
> Dwar il-kontro-talba filwaqt li jibqghu impregjudikati d-drittijiet tal-konvenut il-Qorti trid ta' bilfors wkoll tastjeni f'dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni taghha sew peress li ma ngabu ebda provi dwarha u sew peress illi din ma tistax tigi ddeterminata sakemm isir ir-rendikont fuq imsemmi.

> L-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante n-natura tal-kaz u d-determinazzjoni parzjali ghandhom jithallsu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi."

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

Din il-Qorti qed tirriproduci s-segwenti partijiet saljenti mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata rilevanti ghall-konsiderazzjoni taghha.

> "Il-perit legali ezamina x-xhieda moghtija mill-partijiet, mir-rapprezentanti tal-Banku minn bint l-attur li kienet emigrat ghall-Awstralja.
>
> Il-perit legali ssottometta illi l-attur kellu ragun fl-ewwel talba u li l-konvenut kellu jigi ordnat iressaq rendikont tal-amministrazzjoni bejn 1974 u 1982,f'liema zmien kien prokuratur tal-attur (il-mejjet).
>
> Dwar it-tieni talba li, skond ix-xhieda tal-istess attur, kienet limitata ghad-dokumenti tal-Income Tax il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li din it-talba kienet intempestiva. Il-konvenut kellu ragun ma jirritornax dawn id-dokumenti sakemm ikun thallas tas-servigi rezi minnu, liema servigi pero' ma kienux dovuti qabel ma jigu finalment ipprezentati r-rendikont tal-amministrazzjoni.
>
> Dwar it-tielet u r-raba talba huwa wasal ghall-konkluzjoni li mill-provi rrizulta li l-attur kien ta s-somma ta' Lm4000 lill-konvenut u lill-martu, fuq liema somma kien jithallas l-imghax kif miftiehem. Fuq din is-somma kapitali l-konvenut kien hallas biss is-somma ta' Lm200. Huwa kkonkluda li s-somma ta' Lm3800 tidher li kienet ghada dovuta minkejja li ma kellha x'taqsam xejn mal-amministrazzjoni. Fin-nuqqas ta' ftehim dwar zmien skond il-ligi kellha tigi rritornata fi zmien sitt snin, liema zmien kien ghadda. Fuq din is-somma wkoll kellu jiddekorri l-imghax mill-1982 bil-hamsa fil-mija (5%) fuq Lm3000 u bis-sitta fil-mija (6%) fuq Lm800 u dana kif miftiehem bejn il-partijiet.
>
> Finalment ikkonkluda :
>
> "Fid-dawl tal-premess, hija ghalhekk, l-opinjoni tal-esponenti li l-ewwel talba tal-atturi ghandha tigi milqugha, u l-konvenut moghti

zmien xahar biex jaghti r-rendikont mitlub ; li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni, f'dan l-istadju, tat-tieni talba tal-atturi u tat-talbiet in rikonvenzjoni tal-konvenut ; li jigu milqugha t-tielet u r-raba' talbiet tal-atturi billi l-konvenut jigi kkundannat jirrifondi lill-eredita' ta' Paul Gauci s-somma ta' Lm3000 bl-imghax mill-1982, bil-5% fuq it-Lm3000 u bis-6% fuq it-Lm800, u dan sal-gurnata tal-pagament effettiv."

Dan ir-rapport gie kkritikat mil-konvenut b'nota tieghu tat-12 ta' Gunju 1996, ghal liema nota saret risposta fid-29 ta' Lulju, 1996.

Il-kritika principali jekk mhux unika tal-konvenut hija li r-rapport peritali mar ultra petita t-talbiet attrici. L-attur kien qed jitlob ir-rifuzjoni ta' flus depositati mal-konvenut bhala amministratur rizultanti minn kuntratt ta' mandant. Il-konkluzzjoni peritali hija bbazata fuq self u fuq il-kuntratt ta' "mutwu". Il-Qorti hija cirkoskritta bit-talbiet attrici u ghalhekk ma setghatx takkolji l-konkluzzjonijiet peritali.

L-atturi invece jibbazaw ir-risposta taghhom fuq ix-xhieda ta' l-attur tas-16 ta' Lulju 1982 u fuq l-artikolu 1894 tal-Kodici Civili Kapitolu 16.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Bhala kwistjoni ta' fatt l-atturi fin-nota taghhom ma kkwotawx is-silta relevanti tax-xhieda tal-attur fl-intier taghha li tiswa ghalhekk li tigi hekk ikkwotata.

> "Fit-tlettax (13) ta' April, elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) jiena kont iddepositajt mal-Bank of Valletta tlett elef lira (Lm3,000) f'isem il-konvenut Joseph Mugliette. Dawn it-tlett elef lira (Lm3,000) kienu maqsumin f'zewg pagamenti, wahda ta' elfejn u tmien mitt lira (Lm2,800) u depozitu iehor ta' mitejn lira (Lm200) sena wara. Nippreciza wkoll illi l-istess somma ta' elfejn u tmien mitt lira (Lm2,8000) kienet maqsuma f'zewg ammonti ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400) kull wiehed. Dawn kienu depozitati elf u erba' mitt lira (Lm1,400) f'isem il-konvenut. Sussegwentement il-konvenut dawwar is-somma li kien hemm f'ismi f'ismu u tani interessi bil-hamsa fil-mija (5%) sal-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150).
>
> L-ahhar interessi rcevejthom f'April elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981). Mis-somma kapitali ma rcivejt xejn. L-imghax ircevejthom bejn l-ghaxra (10) u tlettax (13) ta' April."

Dan kien apparti mill-Lm1,000 li kienu gew mislufa lill-konvenut ‘brevi manu’ fil-1977 mil-liema somma giet rifuza s-somma ta’ Lm200 u fuq liema somma l-imghax kien ta’ 6% u mhux 5%.

Bhala fatt ghalhekk mis-somma ta’ Lm3800, Lm1400 kienu originarjament depoziti u mhux self fl-intenzjoni tal-partijiet. Minkejja li tidher li saret novazzjoni anke bl-accettazzjoni tal-attur tal-imghax minghand il-konvenut ghal diversi snin u cioe’ bejn 1977 u 1981.

Mil-lat legali, pero’, dawn il-kostatazzjonijiet ta’ fatt ma tantx ghandhom relevanza.

Dak li jsostni l-konvenut fin-nota ta’ kritika tiehu huwa minnu, legalment korett u kien japplika ghall-kaz prezenti hlief pero’ ghal provvediment tal-artikolu 1894 tal-Kodici Civili.

> “Id-depozitu ta’ flus jew ta’ hwejjeg ohra li jintemmu bl-uzu hu regolat mill-ligijiet dwar is-self ta’ haga ghal konsum jew mutwu meta d-depozitarju jkun inghata is-setgha li jinqeda bil-haga depozitata ghandu bl-obbligu biss li jrodd daqsa tal-istess xorta u kwalita”.

Il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda differenza f’dan il-kaz bejn il-provvedimenti tad-depozitu u dak tal-mutwu u f’dan is-sens ir-rapport peritali ma marx ‘ultra petita’ it-talbiet attrici li kienu proprju ghar-restituzzjoni ta’ flus depozitati mal-konvenut.”.

**AGGRAVJU**

L-aggravju tal-konvenut li appella minn din is-sentenza hu bazat fuq zewg sottomissjonijiet precizi :

(a) li anki jekk din il-Qorti tikkondivi l-apprezzament tal-ewwel Qorti in kwantu ddecidiet il-kawza fuq bazi li fil-fehma tieghu kienet extra petita, hu kien qieghed jeccepixxi f’dan l-istadju tal-appell li l-azzjoni attrici kienet f’kull kaz estinta bil-preskrizzjoni inkwinali.

(b) li meta l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu jhallas is-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira, hi kienet iddecidiet extra petita, in kwantu kien irrizulta li l-flejjes in kwistjoni kienu gew mislufa lilu mill-attur brevi manu u konsegwentement "huma unikament regolati mill-istitut tal-mutuum".

Konsegwentement l-artikolu 1894 tal-Kodici Civili ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, billi hu stabbilit illi dawn il-flejjes kienu gew mislufa mill-attur biex ikun jista' jibni d-dar tieghu. Dan is-self kien fil-fatt ukoll rivadit mill-attur f'diversi testmenti li hu ghamel fosthom wiehed tat-23 ta' Settembru 1982.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Din il-Qorti tqis qabel xejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata f'dan l-istadju. Hija zbaljata s-sottomissjoni tal-appellati illi eccezzjoni bhal din ma setghatx tigi akkolta mill-Qorti f'dan l-istadju. Dan ghax il-ligi espressament tiddisponi li eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tigi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-proceduri anki fi stadju ta' appell. Naturalment meta hekk isir, din il-Qorti kellha tiehu konsiderazzjoni ta' dan il-fatt, meta tigi biex tiddeciedi fuq l-ispejjez. Pero' kienet obbligata bil-ligi li tiehu konjizzjoni taghha, titrattaha u tiddecidieha bhala parti mill-process ta' revizjoni tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Dan

permess pero' ma jidher li hmm l-ebda bazi ghall-eccezzjoni sollevata mill-appellant.

Bizzejjed jinghad illi jirrizulta pruvat mill-atti, u ma hu bla ebda mod kontestat mill-istess appellant, illi hu kien baqa' jhallas imghax lill-awtur tal-appellati fuq dan l-ammont, issa identifikat bhala self fis-sentenza appellata, sas-snin 1981 u 1982. L-att tac-citazzjoni gie ntavolat mill-istess awtur tal-appellati fil-25 ta' Gunju 1982. Il-hlas ta' imghax fuq self hu kjarament rikonoxximent da parti tad-debitur li ssellef li kellu jaghti l-kapital li fuqu tali imghax ikun iddekorra. L-appellant allura certament ma jistax jinsisti fuq in-naha wahda illi l-ammont in kwistjoni kien jircievih b'titolu ta' self, li fuqu baqa' jhallas l-imghax sa dik is-sena stess meta giet intavolata c-citazzjoni, u fl-istess nifs jeccepixxi l-preskrizzjoni propriji ta' dak is-self li kien qieghed hu stess jirrikonoxxi bil-hlas tal-interessi fuqu.

Din il-Qorti tinnota wkoll illi fir-rikors tal-apppell tieghu l-appellant la jippretendi li dawn il-flus ma jircievihomx, anzi jirrivadixxi li kienu lilu mislufa brevi manu, u lanqas jippretendi li huwa hallashom lura lil min kien, skond hu, silifhomlu. Gustament l-appellati jisssottomettu illi l-konvenut qatt ma nnega li rcieva dawn il-flus u meta xehed evita kull riferenza ghal dawn is-somom kapitali u ghazel li jikkoncentra x-xhieda tieghu fuq is-selvigi li hu kien allegatament ippresta lill-awtur tal-appellati. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi ghalhekk michuda.

Fir-rigward tal-aggravju aktar centrali tal-appellant, dak cioe' illi l-ewwel Qorti ddecidiet extra petita, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet :-

(a) Hi naturalment korretta s-sottomissjoni tal-appellant illi l-Qorti fid-determinazzjoni tal-kawza kellha toqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Is-sentenza kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbili ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Hija wkoll gusta r-riferenza ghall-insenjament gjurisprudenzjali illi, "It-termini wzati f'atti gjudizzjarji formali, bhal ma huma l-att tac-citazzjoni, ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens gjuridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-lingwagg popolari ta' nies profani tal-ligi. Xorta ohra l-konsegwenzi jkunu kaotici" (Volume XL11B pagna 587).

Principju dan li ma jfissirx li l-Qorti kellha tmur ghall-eccess tal-formalizmu essagerat bazat fuq is-sens litterali tal-kelma espressa b'mod li jigi eskluz l-ispirtu tal-ligi jew kull esercizzju legittimu ta' anologija anki per equipolens - ezercizzju dan illi hu wkoll rikonoxxut mill-gjurisprudenza u li hu kultant mehtieg biex jaghti sinifikat korrett lill-azzjoni kif proposta, jiffavorixxi l-ekonomija tal-gudizzji u jassigura gustizzja bejn il-partijiet. Dan kollu pero' dejjem jekk ikun permess u

permissibbli fil-parametri li fihom tkun arcinata l-azzjoni u ferm dejjem il-principju li din ma kellha qatt tigi znaturali. Hu dan l-esercizzju li l-ewwel Qorti ttantat taghmel, fil-fehma ta' din il-Qorti, b'mod korrett. Dan ghaliex jirrizulta mill-atti, illi huwa sodisfacent provat illi l-parti kbira tal-ammonti kapitali reklamati mill-awtur tal-appellati, u kamonizzati f' forma ta' self fis-sentenza appellata kienu gew konsenjati minnu lill-appellant, inizjalment bhala depozitu bankarji biex dan jamministrahom Bhala tali allura dawn l-ammonti kienu jaqghu mhux biss fil-kontest tal-ewwel talba fejn l-awtur tal-appellati qed jitlob li l-Qorti tordna lill-appellant biex jaghti kont "ta' dak kollu li rcievejt", kif ukoll tat-tielet talba li hi likwidazzjoni tal-ammont li l-appellant kellu jirrestitwixxi lill-attur "minn flus iddepozitati mieghek mill-istess attur" imma wkoll fil-premessi ghal dawn it-talbiet fosthom dik illi "l-attur iddepozita mieghek diversi somom ta' flus bejn in-1974 u n-1981".

Infatti fix-xhieda tieghu, l-attur, iddikjara biss illi huwa kien silef brevi manu l-konvenut l-ewwel somma ta' elf lira li fuqhom kien qed jircievi imghax regolarment sas-sena 1982 u li minnhom kien irrestitwixxa ammont ta' mitejn lira. L-attur ikompli jixhed hekk, "Fit-13 ta' April 1977, fejn a kwantu ddepozitajt mal-Bank of Valletta tlett elef lira f'isem il-konvenut Joseph Mugliette. Dawn it-tlett elef lira kienu maqsumin f'zewg pagamenti, wahda ta' elfejn u tmien mitt lira u depozitu iehor ta' mitejn lira. Nippreciza wkoll illi l-istess somma ta' elfejn u tmien mitt lira kienet maqsuma f'zewg ammonti ta' elf u erba' mitt lira 'l wiehed. Dawn

kienu depozitati elf u erba' mitt lira f'ismi u elf u erba' mitt lira f'isem il-konvenut. Sussegwentement il-konvenut dawwar is-somma li kien hemm f'ismi u f'ismu u tani interessi bil-hamsa fil-mija bl-ammont ta' mija u hamsin lira . L-ahhar interessi rcevejthom f'April fil-1981. Mis-somma kapitali ma rcivejt xejn."

Minn din ix-xhieda, anki jekk mhux daqstant cara, din il-Qorti tintrovedi, illi inizjalment l-ammonti gew konsenjati lill-konvenut f'forma ta' depoziti bankarji biex jigu minnu amministrati in kwantu dan kien mandatarju tieghu. L-awtur tal-appellati mal-appellant kellu rabta familjari b'affinita' billi kien jigi missier il-mara tieghu, ma jaccettax illi hu kien awtorizzah biex juza dawn l-ammonti – hlief ghal ewwel elf lira – biex juzahom ghall-bzonnijiet tieghu. Bhala fatt pero' l-appellant jinsisti li hekk kien gara, tant li jippretendi illi kien ircieva dawn l-ammonti forma ta' self minghand l-awtur tal-appellati. Dan ifisser li fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, din il-Qorti taccetta illi flus depozitati f'bank u fdati f'idejh biex jamministrahom, kienu minnu uzati bil-permess ta' min tahomlu ghall-bzonnijiet tieghu.

Japplika allura l-artikolu 1902 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi, d-depozitarju ma jistghax jinqeda mill-haga depozitata minghajr il-kunsens espress jew prezunt tad-depozitant. Artikolu li a kuntrarju sens ifisser illi jekk ikun hemm tali kunsens – u din il-Qorti dan qed taccettah ghaliex il-provi fil-kumpless taghhom hekk juru – d-depozitarju

u cioe' l-appellant seta' jinqeda' b'dawn il-flus ghall-bzonnijiet tieghu kif fil-fatt ghamel. Il-fatt mbaghad illi, l-attur jammetti illi fuq dawn is-somom kapitali l-konvenut beda jhallsu imghax li hu accetta, huwa wkoll prova ta' tali kunsens. Din il-Qorti pero' ma tifhimx illi mill-fatt biss tal-hlas ta' dan l-imghax, il-kapital fdat f'idejn il-konvenut appellant tilef in-natura tieghu ta' depozitu multo magis jekk jigi accett dak illi ssottometta l-appellant imma jidher kontestat mill-appellati illi tali depozitu kien sar biss fl-interess tieghu bhala depozitarju.

Din il-Qorti wkoll ma tistax ma tqisx illi, taht kull aspett kemm jekk il-flus kienu gew fdati f'idejn l-appellant sempliciment biex jamministrahom kemm jekk il-flus ikunu gew iddepozitati f'idejh u bil-kunsens tal-attur uzahom ghall-bzonnijiet tieghu, kemm jekk gew depozitati f'idejh biex jamministrahom u minghajr il-kunsens tal-attur dawwarhom ghall-uzu tieghu, f'kull kaz tibqa tirrikorri l-figura tad-depozitu li fiha hemm inplicitu il-konsenja tal-flus lid-depozitarju biex dan jamministrahom fl-interess tad-depozitant li lilu jkollu fil-mument gust li iroddhom. Id-depozitu in generali huwa kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta' haddiehor, bl-obbligu li jikkustodiha jroddha n-natura (Artikolu 1891 tal-Kap 16). Meta d-depozitu jkun volontarju, il-kuntratt ghandu necessarjament minn-natura tal-mandat, ghaliex id-depozitarju jkun obbligat li jezegixxi l-volonta' tad-depozitant u jagixxi skond il-mandat lilu moghti fl-amministrazzjoni tal-oggett fdat f'idejh. Konsiderati f'dawn it-termini, l-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni ma jistghux ma jiggustifikawx il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, almenu in linea generali illi, "ma tara

ebda differenza f'dan il-kaz bejn il-provvedimenti tad-depozitu dak tal-mutuu".

S'hawn allura din il-Qorti taqbel mas-sentenza appellata u tirrespingi l-aggravju tal-appellant illi l-ewwel Qorti ddecidiet ultra petita. Din il-Qorti pero' ma taqbilx mas-sentenza appellata, in kwantu wara li stabbilit korrettement il-posizzjoni gjuridika bil-konkluzjoni illi l-appellant kellu jirrifondi lill-appellati l-ammont kapitali taht ezami in kwantu dan kien jirrijentra fil-parametri tat-talba kif proposta, hi ghaddiet biex laqghet din it-talba u llikwidat l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' Lm 3,800, bl-imghax ta' sitta fil-mija fuq Lm 800 u hamsa fil-mija fuq Lm 3,000 mill-1982 sad-data tal-pagament effettiv. U konsegwentement ghaddiet biex tikkundanna lill-konvenut biex ihallas din is-somma hekk likwidata fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Din il-Qorti tifhem li biex il-Qorti tkun konsistenti kellha necessarjament tirriserva din id-decizjoni ghaz-zmien meta l-konvenut appellant ikun ikkonforma ruhu mal-ewwel talba deciza fis-sentenza appellata, u cioe' dik, illi fiz-zmien xahrejn kellu jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu. Parti minn dan ir-rendikont tal-appellant kellha necessarjament tinkludi ir-restituzzjoni ta' dan l-ammont kapitali fdat f'idejh u li kien obbligat jirrestitwixxi. Ma kienx hemm lok allura f'dan li stadju ghall-kundanna specifika ghar-restutuzzjoni ta' dan l-ammont indipendentement minn dak mitlub fl-ewwel, fit-tielet u fir-raba' talbiet

tal-attur, li kellhom jitqiesu li kienu pre-ordinati biex iwasslu ghall-likwidazzjoni tal-amminisrazzjoni prestata mill-konvenut in esekuzzjoni tal-mandat lilu moghti. Dawn it-talbiet kienu fl-ewwel lok jimpurtaw l-ordni biex il-konvenut jaghti kont ta' dak kollu li rcieva u hareg u ta' dak kollu li ghamel bhala l-mandatarju tal-attur. Din it-talba giet milqugha u l-konvenut inghata xahrejn zmien biex hekk jaghmel dak il-kont li kellu necesarjament jinkludi l-ammonti li b'din is-sentenza kien qed jigi ddikjarat li kienu dovuti lill-awtur tal-appellati. Dan bhala attiv. Bhala konsegwenza ta' dak il-kont, il-Qorti tkun f'posizzjoni tillikwida l-ammont dovut lill-attur l-aventi kawza tal-appellati mill-flus depozitati mal-istess appellant u minn dik il-likwidazzjoni tiskaturixxi l-kundanna ta' dan kif mitluba fl-ahhar talba.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li hemm lok illi d-decide tas-sentenza appellata tigi riformata kif gej :-

1. Tikkonfermaha in kwantu parzjalment iddisponiet mil-kawza billi kkonfermat r-rapport peritali billi :-

(1) Laqghet l-ewwel talba u ffissat xahrejn zmien lill-konvenut biex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu.

(2) Tiddeciedi biss parzjalment it-tielet talba in kwantu qed tiddikjara illi fost l-attiv dovut lill-attur fi flus depozitati minnu ghall-konvenut,

kellha tigi inkluza s-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira, bl-imghax ta' sitta fil-mija fuq tmien mitt lira Maltin, u hamsa fil-mija fuq tlett elef lira Maltin minn 1982 sal-pagament effettiv, waqt li tirriserva l-likwidazzjoni shiha tal-ammont dovut wara illi l-konvenut jottempera ruhu ma dak li gie ordnat li jaghmel f'din is-sentenza meta ddecidiet l-ewwel talba.

(3) Tirrevoka l-kundanna tal-konvenut biex ihallas dan l-ammont f'dan l-istadju, u tirriserva li tiddeciedi ulterjorment it-talbiet fejn mehtieg fi stadju ulterjuri.

Fir-rigward tal-kontro-talba, una volta ma jirrizultax li hemm appell mill-appellati kontra dik il-parti tas-sentenza appellata, ma jidhirx li din il-Qorti tista' b'xi mod tissindikka l-korrettezza tad-decizjoni tal-ewwel Qorti, anki jekk ghandha riservi dwarha. Konsegwentement sejra tikkonfermaha.

L-istess jinghad fir-rigward tad-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez tal-prima istanza. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu tal-appellant.

L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni wara li jiddekorru x-xahrejn zmien li fihom l-appellant kellu jikkonforma ruhu ma' dak deciz fuq l-ewwel talba, liema terminu kellu jibda jiddekorri millum.

Dep/Reg

mg